**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 25 ta` Ottubru, 2017**

**Talba Nru: 468/2016PA**

**Simon Grech**

**vs**

**Massimiliano sive Massimo Orsini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-21 ta` Ottubru 2016 li permezz tiegħu l-attur ippremetta li huwa ħadem bħala subappaltatur għall-konvenut bl-opera tiegħu ta` *plumber* u *electrician* fuq diversi xħur ma' numru ta` klijenti differenti; li barra l-*mano d'opera*, u dan anke sabiex jiżvolġi l-varji mansjonijeit tiegħu mal-konvenut, l-attur għamel numru ta` fornituri ta` materjali; li dawn ix-xogħlijiet u fornituri ġew impjegati għall-istallazzjonijiet ta` infrastrutturi ta` dawl u ilma u xogħol ieħor anċillari fi stabbilimenti, proprjeta` u immobbli ta` diversi klijenti tal-konvenut, inkluż fir-Razzett tal-Għorfa, fil-Buskett, limiti tar-Rabat, f'Malta, għall-benefiċċju tal-intrapriża kummerċjali tal-konvenut bl-isem *Universal Micro Security*; li l-partijiet kellhom sistema ta` *rolling credit*, u l-konvenut għandu jagħti lill-attur mill-20 ta` Jannar 2015 is-somma ta` erbat elef, ħamsa u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu (€4,025.30ċ), bilanċ ta` prezz akbar; li l-attur interpella lill-konvenut biex iħallas permezz ta` ittra uffiċjali bin-numru 2510/2016

fis-6 ta` Ottubru 2016 pero` baqa' ma ħallasx. Għaldaqstant l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma dovuta ta` erbat elef, ħamsa u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu (€4,025.30ċ), flimkien mal-ispejjeż tal-kawża, tal-ittra uffiċjali bin-numru 2510/2016 u tal-mandat ta` sekwestru preżentat kontestwalment bin-numru 1804/2016, u bl-imgħax mill-21 ta` Jannar 2015.

Mal-Avviż tat-Talba, l-attur preżenta *Statement of Account*[1] li juri li fil-bidu tas-sena 2015, il-konvenut kellu jagħti s-somma ta` €4,475 lill-attur, li mbagħad żdiedet b'żewġ fatturi ta` €1,365 u €585 rispettivament fl-20 ta` Jannar 2015 u fis-6 ta` Marzu 2015, u bi prezz ta` materjal bis-somma ta` €1,194.30ċ.  Mit-total, il-konvenut jidher li ħallas €949.64ċ, €2,000 u €644.36ċ, u għalhekk fadallu jħallas lill-attur is-somma ta` €4,025.30ċ.

Ra r-Risposta tal-konvenut li fiha eċċepixxa li t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż billi hija legalment u fattwalment insostenibbli, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża; li l-konvenut jirrikonoxxi li fadallu jħallas lill-attur is-somma ta` €2,062.27ċ, liema ħlas kien offrut lill-attur, u depożitat fir-Reġistru tal-qorti kompetenti wara li ġie inġustament rifjutat; u li għalhekk il-konvenut m'għandux ibati spejjeż.

Sema' x-xiehda kopjużi mressqa mill-partijiet.

Ra d-dokumenti eżibiti.

Sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Il-partijiet kellhom relazzjoni kummerċjali li fil-kors tagħha l-konvenut kien jinkariga lill-attur biex iwettaq xogħol fl-elettriku u fl-ilma.  L-attur kien iforni kemm il-materjali u anke s-sengħa.  Bejniethom kien hemm arrangament ta` kont kurrenti.

[1] Fol. 3

L-attur għażel li qabel jixħed hu, iressaq b'xhieda tiegħu lil Michael Debono, u lill-konvenut.

**Michael Debono** spjega li huwa ġie inkarigat mill-attur wara li lesta x-xogħlijiet, u ntalab jara l-fatturi li kien ħareġ l-attur għax-xogħol li wettaq u filwaqt li jieħu kont tal-ħlasijiet li rċieva l-istess attur, jikkalkula x'kien fadallu jirċievi mingħand il-konvenut. Debono qal li hu la kien involut fil-ħruġ tal-fatturi, u lanqas fil-ħlasijiet li rċieva l-attur. Huwa ra d-dokumenti li għaddielu l-attur u għamel l-interpretazzjoni tiegħu dwar l-istess. Debono ppreżenta skeda tal-fatturi, bl-ammonti dovuti, tal-ħlasijiet li l-attur qallu li rċieva mingħand il-konvenut, u minn din l-informazzjoni ħareġ bil-konklużjoni li l-attur fadallu jirċievi mingħand il-konvenut l-ammont reklamat b'din l-azzjoni. Skond Debono, l-ammissjoni tal-konvenut li fadallu jħallas lill-attur is-somma ta` €2,062.27ċ tfisser li l-kontestazzjoni hija limitata għal żewġ fatturi, bin-numri 11295028 u 11295039, li t-tnejn kienu jirrigwardjaw prezzijiet ta` xogħol, u t-tnejn ħarġu wara r-redazzjoni tal-i*Statement of Account* eżibit mill-attur mal-Avviż tat-Talba.

Debono ppreżenta skeda li turi l-fatturi b'mod konsekuttiv, u l-ħlasijiet li l-attur irċieva mingħand il-konvenut. Huwa ddistingwa bejn il-fatturi li kienu jirrigwardjaw xogħol, u l-oħrajn dwar xiri ta` materjal. Il-fatturi inklużi huma datati mis-16 ta` Settembru 2014 sa 6 ta` Marzu 2015. Ma' dan id-dokument, Debono eżibixxa kopji tal-fatturi miktubin bl-idejn. Debono ppreżenta wkoll kopja ta` ittra legali datata 18 ta` Ottubru 2016 li permezz tagħha l-konvenut u martu rritenew li fadlilhom iħallsu lill-attur is-somma komplessiva ta` €2,062.27ċ, u bagħtulu dan il-ħlas.

Il-konvenut **Massimo Orsini**[2] xehed li kien jinkariga lill-attur bħala subappaltatur tiegħu. Qal li kien hemm żmien meta kien jagħmel ix-xogħol, u jitħallas tiegħu; filwaqt li, fi żmenijiet oħra, kien jixtri l-materjal, u mbagħad jagħmel kont wieħed tax-xogħol u tal-materjali. Il-konvenut pero` ma kienx f'qagħda jispjega x'materjal u xogħol sar fuq inkariġu tiegħu, u ta` xhiex kien, jew ma kienx, ħallas lill-attur.

[2] Ara xiehda, 17.01.2017, fol.27-28

Mart il-konvenut **Melanie Orsini**[3] ddikjarat li hija kienet tiċċekkja l-ammonti għal żewġha, kemm fejn jidħlu siegħat ta` xogħol u anke prezzijiet tal-materjali. Hija spjegat li l-attur kien jagħtiha l-ħinijiet u wkoll fejn kien ikun qed jaħdem, u din l-informazzjoni kien jagħtihielha fil-forma tal-iskritturi eżibiti minn Michael Debono. Qalet li kienet tinsisti miegħu li jgħaddilha r-riċevuti fiskali tal-materjali li jkun xtara, bin-numru tal-VAT tal-konvenut indikat fuqhom, u li hi kienet tgħaddihom lill-*Accountant* tagħhom. Qalet ukoll li, fir-rigward tal-ħidma tiegħu, il-karti li fuqhom l-attur kien jindikalha l-ħinijiet u l-post fejn ikun ħadem kienet iżżommhom sakemm iħallsuh, u jagħtihom riċevuta fiskali. Waral li jħallsuh, u jagħtihom ir-riċevuta, kienu jiddisponu minnhom.

L-attur **Simon Grech**[4] xehed li kien jagħmel xogħol bħala subappaltatur għall-attur, u li dam jagħmel dan għal madwar sena u nofs. Qal li l-materjal kien jixtriħ fuq struzzjoni tal-konvenut ukoll. L-attur iddikjara li l-materjal kien jixtriħ l-aktar mingħand JSK f'San Ġwann, u kien jindika n-numru tal-VAT tal-konvenut. Qal li għal dan ix-xiri kien iħallas hu minn butu, u mbagħad iżomm il-kontijiet u meta jitilgħu għal madwar €600 kien jgħaddihom lill-konvenut għall-ħlas. L-attur għaraf bħala kitba tiegħu l-kitba li tidher fuq in-notamenti eżibiti minn Michael Debono mal-iskeda tiegħu.

L-attur spjega li l-verifika tal-kontijiet kienet tagħmilha l-mara tal-konvenut Melanie Orsini. Qal li kien jiltaqa' magħha, jagħtiha l-lista miktuba minnu tal-oġġetti li jkun xtara, u l-prezz tagħhom, flimkien mar-riċevuti fiskali għax-xiri, u mbagħad tħallsu. Skond l-attur, f'xi żmien kienet tħallsu mal-verifika, pero` fi żmenijiet oħra kienet tivverifika l-kontijiet u tibqa' ma tħallsux. Skond hu, mart il-konvenut kienet qaltlu li kellhom problema ta` flus. In kontroeżami, l-attur ċaħad li r-riċevuti tax-xiri tal-materjal kien iżommhom hu sakemm jitħallas tagħhom.

[3] Ara xiehda, 7.02.2017, fol.34-35
[4] Ara xiehda, 7.02.3017, fol.36-38

F'konfront[5] bejn l-attur u mart il-konvenut, din iddikjarat li ma tiftakarx jekk ir-riċevuti tal-materjali li l-attur ma tħallasx tagħhom baqgħux fil-pussess tiegħu, inkella għaddewx għandha u għand żewġha.

Fuq ordni tat-Tribunal, il-konvenut ippreżenta kopja tar-riċevuti fiskali tax-xiri ta` materjal li l-attur kien għadda lill-konvenut[6], li sar tul is-sena 2015, flimkien ma' erba' fatturi ta` xogħol eżegwit mill-attur datati rispettivament 16 ta` Settembru 2014, 13 ta` Ottubru 2014, 20 ta` Jannar 2015 u 6 ta` Marzu 2015.[7]

Fix-xiehda ulterjuri tiegħu[8], Michael Debono ddikjara li r-riċevuti fiskali tal-materjal li xtara l-attur qatt ma kien rahom, u li f'dak ir-rigward kien qagħad fuq il-kalkoli li kien għamel l-istess attur. Debono qal li l-konvenut ħalla barra żewġ fatturi ta` xogħol, u li d-differenża bejn l-ammont ammess mill-konvenut u l-ammont mitlub mill-attur hija ekwivalenti għat-total tal-aħħar żewġ fatturi li xogħol, datati rispettivament 20 ta` Jannar 2015 u 6 ta` Marzu 2015.

Il-konvenut ippreżenta kopja ta` ċedola ta` depożitu[9] preżentata minnu fit-18 ta` Novembru 2016 li permezz tagħha ddikjara li fadallu jħallas lill-attur is-somma ta` €2,062.27ċ, u ddepożitahom taħt l-awtorita` tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) minħabba li l-attur irrifjuta l-ħlas.

Il-konvenut ressaq b'xhud tiegħu lil **Roderick Abela**.[10] Abela xehed li ilu jagħti servizz lill-konvenut għal għaxar snin, u li issa kien avviċinah biex jagħmel rikonċiljazzjoni mir-rekords li għaddielu dwar kontijiet li taħ l-attur bejn l-2014 u l-2016. Abela xehed li bejn l-2014 u l-2015, barra flus kontanti, il-konvenut kien ħallas lill-attur permezz ta` ħames ċekkijiet, li tnejn minnhom ma jissemmewx fir-rendikont eżibit mill-attur. Huwa ppreżenta kopja ta` dawn iż-żewġ ċekkijiet, bil-prova li ssarrfu. Dawn kienu

[5] Fol.39
[6] X1 sa X21, fol.41-61
[7] Fol.62 sa 65
[8] Fol.67 sa 68
[9] 2319/2016, fol.72-73
[10] Ara xiehda, 16.05.2017, fol.76-77

datati 17 ta` Settembru 2014 u 14 ta` Novembru 2014, għall-ammonti ta` €500 u €1,000 rispettivament.[11] In kontro-eżami, Abela ma setax jindika jekk b'dawn il-ħlasijiet kinux inqatgħu kontijiet aktar antiki minn dawk imsemmija mir-rendikont preżentat mill-attur, u lanqas seta` jgħid għal liema fatturi saru.

Fix-xiehda sussegwenti[12] ta` **Michael Debono**, dan iddikjara li ma kienx f'qagħda jagħmel eżami oġġettiv tal-fatturi u l-ħlasijiet kollha li ħareġ l-attur, biex jikkonkludi jekk dawn iż-żewġ ħlasijiet ġodda li semma' Roderick Abela fix-xiehda tiegħu sarux kontra fatturi anteċedenti għal dawk imsemmija fir-rendikont preparat minnu, kif jirritjeni l-attur.

Ikkunsidra ulterjorment li:

Għalkemm f'din il-kawża tressqu ħafna xiehda u dokumenti, oltre x-xiehda tal-persuni involuti, fil-verita` l-mertu tal-kawża huwa wieħed sempliċi. Il-konvenut kien jikkuntratta b'appalti mal-attur għal medda ta` sena u nofs, kemm għall-provvista tal-materjali u anke għall-eżekuzzjoni ta` xogħlijiet. Fejn jidħlu l-materjali, l-attur kien jipprovdi kopja tar-riċevuta fiskali tal-ħlas maħruġa mill-fornitur tiegħu. Fejn jidħol ix-xogħol, huwa kien jipprepara l-fattura bil-ħinijiet u l-lok fejn ikun ħadem, billi jidher li l-konvenut kien iħallas lill-attur b'rata fissa għas-siegħat ta` xogħol li jwettaq. Dwar dan l-aħħar punt, ħadd mill-partijiet ma xehed ċar, pero` t-Tribunal jasal għal din il-konklużjoni mill-kumpless tal-provi dokumentali prodotti minnhom. Bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta` kont kurrent[13].

Skond id-dokumenti eżibiti, din ir-relazzjoni ta` kommittent-appaltatur damet għaddejja għal ftit anqas minn sena u nofs, minn Ġunju 2014 sa Marzu 2015. Bejn il-partijiet pero` fadal pendenza dwar ħlasijiet. L-attur jippretendi li fadallu jirċievi mingħand il-konvenut is-somma ta` €4,025.30ċ, filwaqt li l-konvenut jgħid li bid-

---

[11] Dok. 'RA1' u Dok. 'RA2', fol.80-83
[12] Ara xiehda, 13.06.2017, fol.85-86
[13] Art. 264 sa 272, **Kodiċi tal-Kummerċ**

depożitu ta` €2062.27 li għamel taħt l-awtorita` tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), kontra l-attur, huwa ssalda kull debitu li seta` kien baqagħlu mal-istess attur.

It-Tribunal jibda biex jirrimarka li l-inkartamenti miżmuma miż-żewġ partijiet, għallinqas minn dak li seta` jara dan it-Tribunal, ma kinux ċari biżżejjed, u setgħu faċilment jagħtu lok għal diżgwid bejniethom. Dan qed jingħad kemm fir-rigward tal-attur, u l-mod kif kien jipprepara l-fatturi li jgħaddi lill-konvenut – mingħajr ebda assistenza fuq kontabilita` – u anke l-mod kif l-attur, u martu, naqsu milli jżommu rendikont ċar ta` x'intalbu jħallsu għal dan ix-xogħol mill-attur, u x'effettivament ħallsu. Dawn in-nuqqasijiet għamluha ferm aktar diffiċli għat-Tribunal biex jifhem il-provi mressqa minnhom, fatt dan li wassal biex din il-vertenza twalet inutilment.

Kwantu għall-kopji tal-fatturi eżibiti mill-attur, u l-bqija tan-notamenti bil-kitba mressqa minnu, it-Tribunal jinnota li l-ebda wieħed minn dawn id-dokumenti (fol.14 sa 21, 23, 88 sa 91), li mhumiex dokumenti oriġinali, pero` jidhru li huma kopji fotostatiċi minn kitbiet bl-idejn, ma ġew awtentikati kif preskritt bl-**art. 634(2)** tal-Kap. 12, u lanqas tressqet prova dwar l-awtentiċita` tagħhom. Filwaqt li l-attur li rrediġa l-fatturi ddikjara bil-ġurament li kitibhom hu[14], il-konvenut jikkontesta parti mill-kitbiet li hemm fuqhom, partikolarment fejn saret kitba dwar ħlasijiet[15].

L-**art. 629(d)** tal-Kap. 12 jipprovdi li huma biss il-*'kotba tal-kummerċjanti, miżmumin skont il-liġi'* fejn dawn jintużaw biex jippruvaw konvenżjonijiet u operazzjonijiet kummerċjali li jippruvaw il-kontenut tagħhom, fin-nuqqas ta` prova kuntrarja, jekk tiġi ppruvata l-awtentiċita` tagħhom. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jidhirlu li l-fatturi eżibiti ma jistgħux jitqiesu bħala *'kotba tal-kummerċjanti'*, kemm minħabba fil-mod kif inhuma miżmuma, u anke minħabba fil-kontenut tagħhom, u f'kull każ lanqas tressqet l-aħjar prova dwar l-awtentiċita` tagħhom.

[14] Ara xiehda tal-attur, 20.09.2017
[15] Eż. Fol.89

Fiċ-ċirkostanzi, allura, it-Tribunal ikollu jistrieħ biss fuq ir-rendikont ippreparat minn Michael Debono, inkarigat meta nqalgħet il-kwistjoni mill-attur biex jagħmel il-verifika dwar x'kien dovut, xi tħallas, u x'inhu l-bilanċ attwali. Dan ir-rendikont, sfortunatament, ma jibdiex mill-bidu nett tar-relazzjoni bejn il-partijiet, imma mis-16 ta` Settembru 2014 u jasal sal-aħħar pagament li sar fit-28 ta` Awissu 2015. L-attur ma ċaħadx li, minbarra l-ħlasijiet imsemmija f'dan ir-rendikont, huwa rċieva żewġ ħlasijiet oħra permezz ta` ċekkijiet, ammontanti komplessivament għal €1,500, bejn Settembru u Novembru 2014, pero` jirritjeni li dawn il-ħlasijiet saru fuq fatturi aktar antiki minn dawk imsemmija f'dan ir-rendikont.

Wara li qies fid-dettall il-provi kollha mressqa mill-attur, it-Tribunal mhux konvint, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, li l-verżjoni tal-attur għandha mis-sewwa. Din il-konklużjoni t-Tribunal wasal għaliha wara li qies li (i) l-attur ma ressaqx prova, bir-riċevuti fiskali rilaxxjati minnu u li tagħhom kellu l-faċilita` li jżomm kopja, tal-ħlasijiet kollha li rċieva mingħand il-konvenut, u dan minkejja li t-Tribunal tah opportunita` sħiħa jagħmel dan; (ii) l-attur ma ressaqx prova, minkejja li ngħata l-opportunita` jagħmel dan, li l-ħlasijiet addizzjonali li rċieva mingħand il-konvenut, fis-somma ta` €1,500, fis-sena 2014, saru u ġew aċċettati fuq fatturi maħruġa qabel is-16 ta` Settembru 2014; (iii) effettivament, ir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet ta` kont kurrenti, u allura l-ħlasijiet kienu jsiru kontra l-bilanċ dovut minn żmien għal żmien, u mhux għal fatturi partikolari. Ir-rendikont preżentat minn Michael Debono[16] ma jinkludix *'Opening Balance'* u dan jissostanza d-difiża tal-konvenut li l-ħlasijiet li għadda lill-attur biż-żewġ ċekkijiet datati rispettivament 17 ta` Settembru 2014 u 14 ta` Novembru 2014 kellhom jiġu nklużi bħala krediti f'dan ir-rendikont; u (iv) dan l-istess rendikont lanqas ma jaqbel mal-i*Statement of Account* datat 1 ta` Settembru 2016 li l-attur bagħat lill-konvenut[17]. It-Tribunal għalhekk jasal għall-konklużjoni li l-ammont reklamat mill-attur għandu jitnaqqas bis-somma ta` €1,500 mħallsa biż-żewġ ċekkijiet li kopja tagħhom ġiet eżibita fl-atti minn Roderick Abela.

[16] Fol.13
[17] Fol.24

Kwantu għad-difiża tal-konvenut li fadallu jħallas lill-attur is-somma ta` €2,062.27ċ, il-konvenut naqas li jagħti spjegazzjoni ta` kif wasal għal din il-konklużjoni. Huwa lanqas ressaq provi dwar x'tirrapreżenta din is-somma, u kif ġiet li, skond hu, għadha dovuta minnu lill-attur. Anke fir-rigward tas-somma ammessa, it-Tribunal jinnota li, għalkemm kien qed jirrikonoxxi li fadallu jagħti lill-attur, huwa għadda għad-depożitu biss fl-istess jum li ppreżenta r-Risposta biex jikkontesta din il-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn fuq deċiż, u jilqa' biss it-talba attriċi fir-rigward tas-somma ta` elfejn, ħames mija, ħamsa u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu (€2,525.30ċ), u għalhekk jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta` elfejn, ħames mija, ħamsa u għoxrin Ewro u tletin ċenteżmu (€2,525.30ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-istess Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**